MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru. 640/2012

**SPETTUR STEPHEN SALIBA**
**VS**
**ANTHEA SCHEMRBI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthea Schembri ta’ 21 sena, bint Patrick u Maria Concetta nee’ Formosa, mwielda Pieta’ fit- 28 ta’ Ottubru 1991, residenti 42, Trapolin, Triq il- Konservatorju, Floriana u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 569391M ;

Talli;
1) fix- xahar ta’ Marzu 2012 bil- hsieb li taghmel hsara lil Lucienne Gusman akkuzata quddiem awtorita’ kompetenti b’ reat filwaqt li kienet taf li din il- persuna hija innocenti;
2) aktar talli ddenunzjat lill- pulizija ezekuttiva reat li taf li ma sarx;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi f'din il-kawza ma gew prodotti ebda provi kontra l-imputata. Anzi, l-parti leza ddikjarat li ma kienetx ser tixhed, presumibbilment sabiex tevita li jittiehdu proceduri ulterjuri kontra taghha ghal spergur, jew li setghet titfa' xi htija fuqha nnifisha li kieku xehdet.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 101 u 110(2) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti tiddikjara ma ssibx lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------